MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 77/2009

**A B**

**-vs-**

**C D gia' B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi z-zwieg sar fil-knisja ta' Ghajn Dwieli, Paola fit-3 ta' Settembru 1994;

Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi fis-sitta u ghoxrin ta' Awissu 2005 kien hemm separazzjoni bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Lisa Camilleri;

Illi fil-fatt, aktar minn zwieg, dan kien ko-abitazzjoni u l-esponenti dahal fiz-zwieg b'immaturita' kbira u bl-inqas determinazzjoni jew rieda li jintrabat biz-zwieg;

Il-pozizzjoni kienet illi kellu hajja difficli fl-ambjent familjari, u kien qieghed jaghmel minn kollox biex eventwalment jehles minnu; meta sar iz-zwieg hu kellu 22 sena, waqt li l-konvenuta kellha hames snin u nofs aktar minnu.

Illi tant ma kienx hemm intenzjoni ta' zwieg illi huwa jiddikjara li ssimola kull kunsens f'ittra, meta gie ghas-separazzjoni illi ma kien hemm l-ebda trawma ta' xejn ghalih, u bl-ebda mod ma kien jista' isib xi htija fil-konvenuta;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ghall-annullament taz-zwieg tieghu ma' C D.

Illi z-zwieg ma kienx zwieg certament mhux minhabba htija tal-konvenuta.

Peress illi l-partijiet ikkuntrattaw cerimonja taz-zwieg fil-Knisja ta' Ghajn Dwieli, limiti ta' Rahal Gdid fit-3 ta' Settembru 1994 u eventwalment isseparaw b'kuntratt tas-26 ta' Awissu 2005;

Peress illi l-attur issimula l-kunsens tieghu, kellu nuqqas ta' diskrezzjoni dwar il-hajja mizzewga u l-obbligi taghha, u kien fil-mument taz-zwieg ibati minn immaturita' psikologika tali li ma setax jaghti kunsens effettiv;

Peress li dan iz-zwieg kien affett minn vizzji kif previst fil-paragrafi (d) (f) (g) u (h) tal-Artiklu 19 (1) tal-Att dwar iz-Zwieg, li jirrendu z-zwieg null u bla effett.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-Knisja ta' Ghajn Dwieli, Paola fit-3 ta' Settembru 1994 huwa null u bla effett.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D fejn din eccepiet:

Illi l-eccipjenti, tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti inkwantu ghall-apprezzament tal-fatti kif dawn jirrizultaw fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza u inkwantu jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Ligi ghal dawn il-fatti;

Illi l-eccipjenti tirrileva – kif del resto sejjer jirrizulta mill-provi – illi komportament tal-attur matul iz-zwieg kien tali illi huwa possibbli illi l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat.

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Illi l-esponenti tirrileva illi hija kkontrattat iz-zwieg mal-attur validament hekk kif jirrizulta mir-rikors guramentat tal-istess rikorrent. L-esponenti tirrileva illi hija zzewget lill-attur wara korteggjament ta’ tlett snin, izzewwigtu ghaliex habbitu u xtaqet tifforma mieghu familja stabbli u maghquda.

Illi huwa minnu illi r-rikorrent, kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg kellu problemi fil-familja tieghu hekk kif qieghed jiddikjara fir-rikors guramentat tieghu;

Illi huwa minnu ukoll illi l-partijiet ma kellhomx tfal fiz-zwieg ghalkemm din kienet ix-xewqa tal-partijiet izda minhabba problemi medici dan ma setax isehh u certament illi din is-sitwazzjoni ikkawzat tensjoni fiz-zwieg taghhom.

Illi l-komportament tal-attur zewgha matul iz-zwieg kien tali illi huwa possibbli illi l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat.

Illi safejn taf l-esponent, ma gew pprezentati ebda proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-ambjent li hareg minnu r-rikorrent f'din il-kawza kien wiehed ta' problemi u dwejjaq. Il-firda bejn ommu u missieru kienet wahda skabruza ferm. Il-problemi fil-familja li trabba fihom kienu kbar – nuqqas ta' mhabba, vjolenza, droga. Wiehed ma jistax ma jinnotax li l-apice ta' kollox intlahaq meta hu r-rikorrenti u l-genituri tieghu kollha spiccaw inkarcerati wara mewt ta' tfajla bid-droga.

F'dan ix-xenarju ma jridx wisq wiehed biex jifhem li fl-intimata li kienet thobbu u tirrispettah u kienet akbar minnu fl-eta', ir-rikorrent sab konfort li qatt ma sab fil-familja tieghu u fiha ra l-kenn li kien jixtieq meta, kif tghid zija tieghu fix-xhieda taghha "*ma felahx jissaporti aktar.*"

Ommu kienet keccietu mid-dar u kien spicca jghix ma' missier li qatt ma kellu l-opportunita' jkollu relazzjoni normali mieghu. Sinjifikanti l-incident rakkontat fejn l-istess intimata tghid li hu kien fetah qalbu maghha u qalilha li darba kien, meta kien tifel, qala' xebgha ghax mar jiltaqa' ma' missieru. Il-Qorti, f'dan ix-xenarju tifhem illi r-rikorrenti ried jahrab mis-sitwazzjoni. Ghalhekk izzewweg. Imbaghad, malli nqalghu l-intoppi fiz-zwieg, dan ukoll sfaxxalu, u dan ghaliex wera li qatt ma kien intenzjonat illi jibni dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba li tikkostitwixxi zwieg.

Il-Qorti, f'dan il-kuntest, tirreferi ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**", (deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001), "**Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awissu, 1995) u "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Settembru 1994 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------